Kunsill Lokali **SAN PAWL IL-BAĦAR** Local Council

**MINUTI – LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 15 – IT-TLIETA, 03 TA' MEJJU, 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19.00 sal-21.45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku |
| | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier (sat-20.20) |
| | Stephen Cremona | Kunsillier (mis-19.10) |
| | Daniel Grima | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċċjal Eżekuttiv |
| Skużati : | Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| | Robert Piscopo | Kunsillier |
| | Paul Bugeja | Kunsillier |
| | Simone Aquilina | Chairperson KAB |

*Il-Laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.*

**1. APOLOĠIJI**

1.1 Is-Sindku Graziella Galea infurmat lil Kunsilliera preżenti li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ,Paul Gatt, ma setax jattendi għall-laqgħa minħabba li waqt li kien btala fi Sqallija bil-vettura tieghu, il-vjaġġi lejn Malta ġew ikkanċellati, u għaldaqstant ma kienx qiegħed Malta. Ghaldaqstant l-Aġent SE talab lid-Direttur sabiex għal din il-laqgħa jissostitwixxih is-Sur Paul Spiteri. Kopja tal-email annessa.

1.2 Is-Sindku nfurmat li d-Direttur li ressaq it-talba tal-Aġent (SE) għall-approvazzjoni lil Ministru, Segretarju Parlamentari u s-Segretarju Permanenti. Is-Sur Pio Farrugia

infurma lill-Aġent  SE kif ukoll lil;-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li s-Segretarju Parlamentari approva t-talba. Kopji tal-emails annessi.

1.3 Is-Sindku infurmat li l-Kunsillier P Bugeja jinsab imsiefer u għaldaqstant talab li jkun skużat. Il-Kunsilliera  M Buhagiar u  R Piscopo talbu li jkunu skużati mil-laqgħa, kopji tal-emails annessi. Dawn gew skuzati.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Kienu mressqa l-minuti tal-laqgħa numru 14 li kienu meqjusa moqrija.

2.2 F'dan il-ħin wassal il-Viċi Sindku David Thake.

2.3 Il-Kunsillier A. Grima ressaq emenda biex minn para. 7.4 wara l-kelma "kuntratt" tiżdied il-kelma "kif".

2.4 Il-Kunsillier Raymond Tabone ressaq emenda biex fil-para. 10.5 is-sentenza tkompli "li ma kinux magħmulin mill-Kunsill".

2.5 Fuq proposta tas-Sindku, ssekondata minn  A Fenech Il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent SE.

## 3. PUNTI MILL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

3.1 Is-Sindku ressqet għall-punti mil-laqgħa numru 14.

3.2 Is-Sindku informat li gew irrangati xi problemi teknici li kien hemm fis-sistema tal-istreaming tal-laqghat.

3.3 Dwar 3.5, is-Sindku nfurmat li dan il-metre kien wieħed temporanju. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għal metre f'ismu.

3.4 Dwar Item 3.8  Is-Sindku rreferiet għal talba li għamel il-kunsillier A. Grima sabiex titla' fil-laqgħa l-korrispndenza relatata mibgħuta mid-DLG u qrat il-korrispondenza relatata fejn id-DLG informa lill-Kunsill li ladaraba l-laqgħa kienet bdiet u kien hemm nuqqas ta' quorum il-laqgħa ma kelliex titkompla, u li ladarba l-Kunsill kien iddeċieda f'laqgħa separata li dak deċiż hu approvat, dan il-każ kien magħluq iżda li s-stiwazzjoni ma kelliex tirrepeti.

3.5 Dwar items 5.9, 5.10, u 5.11 is-Sindku rreferiet li ressqet din it-talba fil-laqgħa tas-Sindki fejn ġiet infurmata minn rappreżentant tal-MEPA li din qiegħda tiġi kkunsidrata u li ż-żmien stipulat ma jistax jinbidel.

3.6 Dwar 5.15, is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-avukat ġie nfurmat sabiex tinfetaħ din il-kawża.

3.7 Is-Sindku rreferiet għal para 7.1  u qalet li x-xogħol relatat tal-garaxx kien tlesta kollu

u ċ-ċavetta ġiet irritornata lura lil sid il-post

3.8 Is-Sindku rreferiet għal para 10.8 u qalet li Transport Malta ma tirrakkomandax lii z-zebra crossing tiġi mċaqalqa minħabba li din tkun f'kurva. Il-Kunsillier A. Grima ippropona li jagħmel proposta sabiex titressaq l-imsemmija zebra crossing filwaqt li tiġi inkluża one way. Il-Kunsillier A. Grima għandu jiddiskuti, mal-Kunsillier Tabone, u l-kunsilliera nkarigati, Cremona u D. Grima, dwar din il-proposta.

3.9 Il-Kunsillier A. Grima rrefera għal item 5.7 u qal li r-residenti għadhom qiegħdin jaqilgħu ċ-ċitazzjonijiet għalkemm dawn il-linji kienu bla permess, u li għandu jinforma lill-Kunsill bil-korrispndenza relatata.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

4.1 Is-Sindku nfurmat li GreenMT qassmu xi vouchers lil dawk ir-residenti li nstabu li qiegħdin jikkoperaw fil-ġbir tal-borża l-griża.

4.2 Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill irċieva proposta mingħand TCTC sabiex fi żmien is-Sajf isiru korsijiet tal-Computer. Il-Kunsill qabel.

4.3 Is-Sindku rreferiet għal korrispondenza mingħand id-DLG dwar programm online ta' tagħlim u għarfien mużikali bl-isem Meludia, u qalet li l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar ser ikun qiegħed jipparteċipa hekk kif konna mħeġġa li naghmlu mid-DLG.

4.4 Is-Sindku rreferiet għal laqgħa li kellha fl-uffiċju tal-President dwar proġett li ser ikun imniedi mingħand The President's Trust fl-iskola primarja ta' San Pawl il-Baħar fejn il-Kunsill intalab li joffri l-kollaborazzjoni tiegħu bħal l-użu tas-sala tal-Kunsill għal xi laqgħat. Il-Kunsill qabel.

4.5 Il-Kunsillier D. Grima qajjem il-punt li minħabba li qed ikun preżenti hu għall-applikazzjoni tal-MEPA qeghdin ikunu jaħbtu mall-appelli u għaldaqstant il-Kunsillier D. Grima issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel bhal tal-Kunsill tal-Iklin fejn ikun preżenti Meta jkunu qed isiru applikazzjonijiet ta' proġetti kbar. Bħalissa hemm żewġ progetti Kbar li ser isiru fi Triq Burmarrad, Burmarrad. Dawn huma PA 1514/16 u PA 2335/16

4.6 Is-Sindku rreferiet għal PA 01514/16 li tinkludi proposta ta' pompa tal-petrol u carwash f'Burmarrad. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jitlob laqgħa sabiex kemm il-Kunsill kif ukoll ir-residenti jkollhom iktar informazzjoni.

4.7 Is-Sindku rreferiet għal PA 02335/07 (EA 00001/16) li tinkludi rilokazzjoni ta' pompa u kostruzzjoni ta' carwash. Il-Kunsill kien infurmat li tlesta Project Development Statement u li l-Kunsill seta' jissottometti xi informazzjoni li jixtieq li tiġi inkluża fl-Environmental Planning Statement.

4.8 Is-Sindku ressqet proposta mingħand il-Kumitat tal-Festa ta' San Pawl il-Baħar sabiex isir reklam fil-ktieb tal-festa. Il-Kunsill qabel li dan ir-reklam għandu jkun bil-kulur u ta' daqs paġna sħiħa.

4.9 Is-Sindku ressqet proposta mingħand il-Kumitat tal-Banda ta’ San Pawl il-Baħar sabiex isir reklam fil-ktieb tal-festa. Il-Kunsill qabel li dan ir-reklam għandu jkun bil-kulur u ta’ daqs paġna sħiħa.

4.10 Il-Kumitat tal-Festa ta’ Burmarrad talab li tittella’ attivita’ bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fit-18 ta’ Ġunju 2016, bl-isem ‘Festa Familja’Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-Kunsill għandu joffri l-għajnuna mitluba fl-istess korrispondenza u jkopri spejjeż oħra relatati mal-attivita’ għas-somma ta’ €250.

4.11 Il-Kunsillier D. Thake qajjem il-punt sabiex il-Kunsill jibgħat korrispondenza lil-NGOs tal-lokalita’ fl-aħħar tas-sena fejn tgħid li għal min ikun jixtieq itella’ attivitajiet bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill għandu jibgħat programm lill-Kunsill. B’hekk il-Kunsill ikollu idea tal-ispejjeż involuti u jkun jista’ jippjana l-infieq. Il-Kunsillier A.Grima issekondah. Il-Kunsill qabel.

4.12 Is-Sindku semmiet li s-Sirens Football Club ġew promossi għall-ewwel darba fl-ewwel diviżjoni filwaqt li s-Sirens Futsal spiċċaw fil-finali u ssuġġeriet li l-Kunsill joffri plakek/tropheys kommemorattivi lill-club, players u kumitat. Il-Kunsill qabel.

4.13 Is-Sindku qrat korrispondenza li l-Istitut Soċjo Kultarali ser itella’ attivita’ fil-15 ta’ Mejju 2016 bl-isem Jum il-Bidwi, Jum is-Sajjied, għal liema attivita’ talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsill bħal ġarr ta’ siġġijiet. Il-Kunsill qabel.

4.14 Is-Sindku semmiet li d-Dipartiment tax-Xogħolijiet offra li jagħmel xogħol ta’ manutenzjoni fil-pjazza u li l-Kunsill għandu joħroġ il-materjal. Il-kunsillier R. Tabone semma li fil-passat reċenti ġa kien sar xi xogħol ta’ manutenzjoni fuq il-pavimentar il-griż ta’ quddiem il-pjazza. Għaldaqstant għandha ssir verifika jekk dan hux fl-istess post.

4.15 Is-Sindku rringrazzjat lil numru ta’ volontarji li qiegħdin jagħmlu xogħol ta’ manutenzjoni fil-ġnien ta’ Triq Parades u li din għandha tiġi estiża għal postijiet oħra. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jħallas għall-materjal filwaqt li jsiru tshirts għal dawn l-istess persuni.

**5. ĦLAS TA’ KONTIJIET**

5.1 Il-Kunsillier A. Grima semma’ l-punt rigward li f’diversi laqgħat il-Viċi Sindku semma għaliex il-Kunsill qed iħallas ħafna kontijiet rigward telfon tal-lift tal-GO. Is-Sindku qalet li ser tistaqsi lill-Aġent (SE) rigward dan.

5.2 Il-Kunsillier D. Grima saqsa rigward il-pagament ta’ Bonniċi Brothers Ltd.. Is-Sindku qalet li l-Kunsill preċidenti iddeċieda li dan għandu jitħallas iżda ma kienx sar il-ħlas kollu.

5.3 Il-Kunsillier D. Thake saqsa rigward jekk Sub Office hux qed ikun miftuh. Is-Sindku qalet li minħabba li bħalissa hawn nuqqas ta’ staff, ġewwa sub Office qed ikun hemm ħaddiema ta’ MTA u mhux tal-Kunsill.

5.4 Il-Kunsillier D. Thake irrefera għall-kont numru 289 fejn qal sabiex il-Kunsill jiċċekja l-kontijiet minħabba li l-ispiża hi għolja ħafna.

5.5 Il-Viċi Sindku D. Thake saqsa għaliex preżenti il-Kunsill għandu żewġ avukati li huma Bonniċi & Scerri u Cosyra Legal. Il-Kunsillier R. Tabone qal li kien intlaħaq qbil fejn minħabba li kien hemm każ ta' inċident waqt attivita' fiż żona Ta' Fra Ben każijiet relatati għandhom jitmexxew mill-istess avukat.

5.6 L-Iskeda ġiet approvata.

## 6. KUNTRATT GREEN MT

6.1 Is-Sindku infurmat li għalkemm il-Kunsill fakkar lil GreenMT għall-kummenti dwar dak propost waqt il-laqgħa, il-Kunsill kien għadu ma rċeviex risposta. Illum Green MT ġabu madwar 5,000 rombli ta' recycling bags sabiex jitqassmu lir-residenti.

## 7. IMPJIEG TA' SKRIVANA

7.1 Wara li saru l-intervisti kien intlaħħaq ftehim mill-bord li tiġi ngaġġata s-Sinjura Claudia Spiteri mill- 04 ta' Mejju 2016 u li għandha tkun infurmata b'dan. Pero is-Sinjura Spiteri laħqet sabet impjieg ieħor u għaldaqstant dan ma kienx possibli.

7.2 Fuq rakkomandazzjoni tal-bord, ġie maqbul li s-Sinjura Anna Micallef Trigona tiġi ngaġġata mal-Kunsill Lokali wara li tissejjaħ għal intervista oħra ta' kitba. Minħabba li għal din il-call riedu jintgħażlu żewġ persuni, il-Kunsill qabel li l-ETC ntiġi nfurmata b'dan sabiex jibgħatulna lista oħra tal-Part 2 u Part 3.

## 8. RAPPORT MIL-LAQGĦA TAL-LOKALITA'

8.1 Is-Sindku nfurmat li l-Aġent SE kien bagħat il-punti diskussa fil-laqgħa annwali permezz ta' imejl lill-Kunsilliera.

## 9. LAQGĦA TA' KONSULTAZZJONI DWAR ONE WAY FI TRIQ SAN GERALDU

9.1 Is-Sindku tat rendikont tal-laqgħa ta' konsultazzjoni dwar proposta ta' one way fi Triq San Ġeraldu.

9.2 Il-Kunsillier A. Grima ippropona li Triq il-Paċi ssir two way.

9.2 Kien hemm qbil sabiex jintalbu rapporti ta' inċidenti li saru qabel ma' Triq San Geraldu ġiet One Way u kif ukoll kif qegħda preżenti. Il-Kunsilliera A. Grima, D. Grima u S. Cremona ser jiddiskutu ghall-aħjar proposta.

**10. ĦWEJJEG OĦRA**

10.1 Il-Kunsillier A. Grima ġibed l-attenzjoni rigward żjut li qed ikun hemm fil-Pjazza ta' Buġibba minħabba li bħalissa qed isiru xogholijiet b'makkinarju. Is-Sindku nfurmat li ġa kien hemm komunikazzjoni dwar dan u li fil-fatt l-Aġent SE kellu laqgħa dwar dan. Il-Kunsillier A. Grima issuġġerixxa li fil-permess ikun hemm inkluż rigward li ma jridx ikun hemm żjut mal-art.

10.2 Il-Kunsillier A. Grima semma' rigward l-arbli tad-dawl li jinsabu fi Triq San Franġisk li huma msaddin. Is-Sindku u l-Kunsillier S. Cremona qalu li l-imsemmija arbli ser ikunu qiegħdin jitbiddlu u li fil-fatt bħalissa tpoġġew xi arbli bi prova.

10.3 Il-Kunsillier A. Grima ġibed l-attenzjoni li fi Triq Sant'Aristarku u Triq il-Kaħli hemm ammont ta' parkeġġi mitlufa u sabiex il-Kunsill jiċċekja fuqhom.

10.4 Il-Kunsillier A. Grima talab, li l-kunsill jikteb lill-Ministeru tal-Bidja u Sajd, biex flimkien mal-kunsill ninvestu f'Dogs Park's u Cat's Café' ghal madwar il-lokalita'. Ġew issuġġeriti dawn is-siti : Triq il-Qawra kantuniera ma triq il-Luzzu (sit zdingata wara l-boat houses). Trq it-Trunciera l-area ta' l-Aquarium/Fra Ben. Dawret il-Gzejjer area fejn kien hemn it-trampolin. Triq il-Qawra l-area ta'hdejn il-gawnd tal-futbol. fl-inhawi tal-Gnien Olimpiku Xemxija. Kien hemm disukussjoni dwar dan b'mod partikulari minħabba d-daqs u s-siti magħzula.

10.5 Il-Kunsillier A. Grima staqsa jekk il Kunsill kienx qatt irċeva korrispondenza mic-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad minħabba li ilha ma ssir laqgħa. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill kien infurmat dwar it-talba sabiex jinbiddlu zewġ membri tal-istess Kumitat propju minħabba dan.

10.6 Il-Kunsillier A. Grima ħareġ bl-idea sabiex madwar il-lokalita' ikun hawn Dog Parksu Cat Cafe'. Dawn ikunu mqassma madwar il-lokalita'. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jikteb lil Ministru tal-Biedja u Sajd.  remove

10.7 Il-Vici Sindku D. Thake rrimarka li hemm numru ta' postijiet bħal kantunieri b'linji sofor twal iżżejjed, u li dawn jistgħu jinbiddlu f'parkeġġi. Is-Sindku rrimarkat li numru ta' postijiet bħal dawn ġa nbiddlu f'parkeġġi u li għaldaqstant dan l-eżerċizzju għandu jiġi estiż fuq il-lokalita' kollha. Matul l-aħħar jiem tneħħa parkeġġ riservat fi Triq Efesu u un/loading bay fi Triq il-Kaħli li kienu bla permess, sabiex b'hekk dawn jistgħu jintużaw mill-pubbliku.

10.8 Il-Viċi Sindku  D. Thake qajjem il-punt dwar x'ġara minn Charging Point tal-karrozzi li kienet   fi Triq il-Korp tal-Pijunieri. Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa ma' Tranport Malta u l-MTI dwar dan wara li seħħ dan l-inċident. Il-Kunsillier R. Tabone ippropona li meta tissewwa ic-Charging Point biex ma jergax jiġri inċident u ħsara għandha titpoġġa barrier quddiemha. Is-Sindku nfurmat li fil-fatt waqt l-istess laqgħa issemma dan il-punt ukoll.

10.9 Il- Viċi Sindku  D. Thake saqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill kienx ser joħroġ sejħa ta' Kuntratti għall-Bankini u Tranġar ta' Toroq. Is-Sindku qalet li l-Kuntratti ġew

ippubblikati on-line . Il- Kunsillier R. Tabone saqsa lis-Sindku jekk il-Kuntratt tal-Bankini kienx ghalaq għax skont hu fadullu sena l-Kuntratt. Is-Sindku nfurmat li filwaqt li ser tiċċekja dwar dan hi ma kelliex l-istess informazzjoni.

10.10 Il- Viċi Sindku D. Thake issuġġerixxa li fi Triq il-Ħalel issir Give Way. Is-Sindku talbet sabiex issir proposta flimkien mal-Kunsillier D. Grima u l-Kunsillier S. Cremona.

10.11 Il-Kunsillier S. Cremona semma' li hemm siġra tal-Yukka li qed tgħatti lampa li tinsab fi Triq Alofju Wignacourt, Qawra ħdejn il-kamra tad-dawl.

10.12 Il-Kunsillier S. Cremona staqsa jekk saritx il-Mera fi Triq Sant'Antnin

10.13 Il-Kunsillier S. Cremona issuġġerixxa sabiex fi żmien il-Festa ta' San Pawl il-Baħar il-ħlas tal-permessi tal-Kiosks ikunu aktar għoljin minn tas-snin ta' qabel. Paul Spiteri qal li fil-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan, apparti l-permess iħallsu madwar €50.00 għat-tindif.

10.14 Il-vici sindku D. Thake qal li minħabba li daqt dieħel l-istaġun tas-Sajf il-Promenade ta' Buġibba tkun mimlija hawkers. Is-Sindku nfurmat li ser tiġbed l-attenzjoni tal-pulizija dwar dan.

10.15 Il-Kunsillier D. Grima ġibed l-attenzjoni għal permessi li jingħatu lil tal-Bumping Cars.

10.16 Il-Kunsillier S. Cremona staqsa sabiex issir bozza fi triq li tgħaqqad ma' Triq Port Ruman (il-biċċa ta' triq li tagħlaq) bejn Triq Horatio Nelson u Triq Despott). Il-Kunsill għandu jiċċekja jekk din it-triq hix waħda skedata.

10.17 Il-Kunsillier A. Fenech saqsiet sabiex isir tiżbier tas-siġar tal-Palm b'mod partikolari fil-pjazza ta' Buġibba.

10.18 Il-Kunsillier A. Fenech ilmentat fuq il-Kumpanija Blues Ltd. Dan minħabba li hemm nies li ħallsu pero' sal-ġurnata tal-lum għad m'għandux riklam. Is-Sindku qalet li ser tiċċekja mal-avukat x'azzjoni jista' jieħu l-Kunsill u dwar il-validita' tal-Kuntratt.

10.19 Il-Kunsillier A. Fenech staqsiet rigward il-Kuntratt tal-garaxxijiet tal-Blue Waters.

10.20 Il-Kunsillier A. Fenech semmiet il-pots li hemm fil-garaxx ta' Triq J. Quintinus sabiex dawn jerġghu jmorru lura f'posthom. Is-Sindku nfurmat li dawn kienu tneħħew mill-Kunsill preċedenti. Kien hemm qbil li dawn għandhom jerġgħu jitpoġġew matul il-promenade ta' San Pawl il-Baħar.

10.21 Il-Kunsillier A. Fenech staqsiet jekk il-Green Wardens kienux qeghdin jaghmlu r-ronda tagħhom. Is-Sindku għandha tiċċekja rigward dan u tinforma lil Kunsill bir-risposta li jkollha.

10.22 Il-Kunsillier A. Grima saipproduċa ritratt u staqsa rigward il-boroż li jinsabu fil-garaxx tal-Kunsill mimlijin flixken tal-plastik mill-magna. Is-Sindku rrispondiet li dawn jiġu għalihom Green MT u li l-kumpanija ser tiġi nfurmata dwar dan.

10.23 Il-Kunsillier A. Grima saqsa rigward il-parkeġġ li tneħħa minn Triq Sant'Aristarku. Is-Sindku rrispondiet li wara komunikazzjoni ma' Transport Malta, u minħabba l-periklu li kien qiegħed jinħoloq, il-parkeġġ għandu jsir parallel mal-bankina.

10.24 Il-Kunsillier A. Bezzina ressqet is-suġġeriment sasabiex matul il-Promenade isiru ash trays.

**11. TMIEM IL-LAQGĦA**

10.01 Il-laqgħa ntemmet fl-21.45.

10.02 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 26 ta' Mejju 2016 fis-19.00.

| | |
|---|---|
| Perit Graziella Galea | Paul Spiteri |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |